**Minuti tal-Kontinwazzjoni tat-Tletin Laqgħa ( 30 ) tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis 08 ta' Lulju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-05.30 ta' fil-għaxija**

Il-laqgħa bdiet fil-5.35 ta' fil-għaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.37 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | Skużat | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 7.15 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30 p.m. | 8.07 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**6.00 Ftuħ ta' Kwotazzjonijiet għall-Post Temporanju fejn isiru korsijiet**

Saret sospensjoni tal-Aġenda bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti kollha sabiex jinfetħu l-kwotazzjonijiet.

Ġew miftuħa l-kwotazzjonijiet għal Kera ta' Post Temporanju sabiex jinżammu l-korsijiet.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Alfred Grima ħareġ mill-kamra minħabba konflitt ta' interess. Fil-kaxxa kien hemm ħames offerti:

1. Maria Carmela Vella - 53, Triq San Pawl - €18 kuljum
2. Joseph Quattromani – The Playhouse, Triq Sir Luigi Preziosi - €300 fix-xahar
3. Domnic Cassar – Triq Parades - €10 kuljum
4. Alfred Grima - Triq l-10 ta' Frar - €17 kuljum
5. Vella Estates Ltd. – Triq San Pawl - €35 kuljum

Intagħżlet l-offerta ta' Domnic Cassar, minħabba li kienet l-irħas offerta, u l-post hu aċċessibbli u ċentrali. Il-kuntratt għandu jsir għal żmien ta' tlett xhur u possibilment li jkun jista' jiġġedded sa massimu ta' disa' xhur.

**4.00 B Tkomplija ta' Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet**

4.01 B Saret it-tkomplija tal-lista ta' korrispondenza minn numru 23 u ittieħdu deċiżjonijiet dwarhom kif jidher fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

**7.00 Skeda ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

7.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

7.02 Rendikont ta' Pagamenti

Il-Pagamenti ġew approvati minbarra dawk kif ġej:

a. PV 1363/10, PV 1364/10, PV 1365/10, PV 1366/10 li huma pagamenti dovuti lil *Jonstore Ironmongery* li ma jsirux sakemm titlesta l-inkjesta.

b. Dwar pagamenti lil The Lighthouse Keepers ġie deċiz li jekk hemm bżonn jibdew jinħarġu d-*Default Notices* sabiex ix-xogħol ta' ilmenti jibda jsir fi żmien qasir kif miftiehem fill-Kuntratt. Il-Kunsillier Mario Camilleri ssuġġerixxa li jinbidlu l-bozoz tax-Xatt tax-Xemxija sabiex ikunu kollha l-istess.

c. PV1331/10 Arms Ltd. – Burmarrad Recreational Space. Dan il-kont ghandu jiġi ċċekjat mill-ġdid.

7.03 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jigu iċċekjati l-ordnijiet għal xiri ta' Toners kif jidhru fil-P.O. 3056, 3064, u 3077.

Dwar il-Mobile Toilets ta' Burmarrad, il-Kunsillier Ray Bartolo staqsa dawn kemm qed jiswew.

## 8.00 *Increment* tal-Iskrivana Candice Zarb mill-01 ta' Ġunju 2010

Is-Segretarju Eżekuttiv irrapporta li Ms. Candice Zarb hija *hard worker* u lejali ħafna u rrakkomanda li dan l-*increment* għandu jingħata. Il-Kunsill approva din iż-żieda.

Il-Kunsillier Ray Bartolo issuġġerixxa li l-Impjegati tal-Kunsill jingħataw inċentivi għall-korsijiet bi skop ta' *Retention* tal-Impjegati.

## 9.00 Ingaġġ ta' Skrivan / a

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea irrapurtat li kien sar *shortlisting u* minn numru kbir ta' applikanti, ġew imsejjħa disgħa kandidati sabiex jagħmlu *test* fuq *Word* u *Excel*. Saru l-intervisti mill-Bord tal-Intervisti kompost mill-Kunsillier Peter Abela, mis-Sindku l-Perit Graziella Galea, u mis-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri. Il-Kunsillier Alfred Grima kien skużat milli jattendi għal dawn l-intervisti. Is-Sindku qalet li wara dawn l-intervisti, il-Bord tal-Intervisti kien qed jirrakkomanda lis-Sinjura Gloria Debono.

Ġiet proposta u approvata li s-Sinjura Gloria Debono tiġi ingaġġata fuq bażi *full-time* kif kien qed jiġi rrakkomandat mill-Bord tal-Intervisti b'effett immedjat.

Ġie ssuġġerit ukoll, li tiġi ingaġġata t-tieni skrivan/a billi tiġi ngaġġata waħda mill-*part timers* li diġa jaħdmu mal-Kunsill Lokali. Is-Sur Alfred Grima staqsa jekk dawn applikawx. Is-Sindku irrispondiet li dawn ma applikawx għax ma kienux konxji li jistgħu japplikaw.Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jistaqsi lid-Dipartiment jekk tistax tinħareġ *Internal Call for Applications* u jekk dawn bħala *part-timers* jistgħux japplikaw għal din il-vakanza. Ma kienx hemm qbil dwar dan u s-Sindku talbet li jittieħed vot. Saret votazzjoni li ġiet ħamsa favur ( Graziella Galea, Ray Bartolo, Frank Gauci, John Bray, Martin Zerafa ) u tlieta kontra ( Alexander Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone ) li 'ssir din is-sejħa interna jekk dan hu permess mill-liġi. Waqt il-votazzjoni, l-Kunsillier Mario Camiller ma kienx fil-kamra tal-Laqgħa. Ġie deċiż li din is-sejħa għandha 'ssir meta jkun il-waqt u jekk dan jkun approvat mid-Dipartiment.

## 10.00 Aġġornamenti

### Is-Sindku l-Perit Graziella Galea

1. Rigward il-bini u ħolqien ta' Ċentru Ċiviku għal San Pawl il-Baħar, is-Sindku l-Perit Graziella Galea qalet li hija ċċekkjat mal-minuti tal-Kunsill, u ma sabitx riżoluzzjoni ċara dwar dan.

Saret proposta mis-Sindku l-Perit Graziella Galea u ġiet issekondata mill-Kunsillier Frank Gauci li dan ic-Centru Civiku għandu jigi propost skont il-pjanti li kienu ġew approvati mill-Kunsill. Dan ifisser li fuq il-parti pubblika ta' wara tal-bini eżistenti jiġifieri fejn illum hemm il-ġnien u l-bandli, jinbena c-Ċentru Ċiviku filwaqt li fuq quddiem jibqa' spazju vojt pubbliku b'mod li tinħoloq pjazza. Din il-proposta ġiet approvata.

2. Ġie approvat li l-*mobile* li juża s-Segretarju Eżekuttiv jiġi reġistrat u mħallas mill-Kunsill Lokali.

3. Ġew approvati x-xogħlijiet tal-Moll tal-Veċċa.

4. Għandha tinkiteb ittra lill-Pulizija biex titneħħa d-dgħajsa abbandunata li hemm il-Veċċja.

**Il-Kunsillier Alfred Grima**

1. Irrapporta li l-iskammels li jiġbru l-iskart domestiku qed jerħu l-likwidu fit-toroq. Il-Kunsillier John Bray ġie inkarigat jieħu ħsieb dwar dan.

2. Inkwadru li kien ġie irregalat lill-ex Sindku Paul Bugeja fuq bażi personali u li kien jinstab fil-*Board Room* tal-Kunsill, ġie approvat li jingħata lura lis Sur Paul Bugeja.

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

1. Talab u ġie approvat Trasport għal Skola Sajf.

2. Talab u ġiet approvata ż-Zjara ta' Programm ta' Skambju għż-Żgħażagħ fil-Bulgaria. Huwa qal li tlett żgħażagħ kienu l-istess tas-sena l-oħra peress li dan kien permess li jista jsir skont il-ftehim li kien sar u li kienet waħda mill-kundizzjonijiet minħabba li din l-iskambju hi kontinwazzjoni ta' skambju li saret qabel. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li wieħed mill-parteċipanti ma kienx resident ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsillier Frank Gauci qal li huwa kien iċċekkja l-Karta tal-Identita' u kkonferma li hu minn din il-lokalita'. Rigward iż-żjara l-oħra fil-Polonja, din il-mawra ġiet kkanċellata għax il-grupp ma ġiex magħqud u dawk interessati f'din ż-żjara ġew mistiedna għal dik tal-Bulgarija.

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

1. Il-Kunsillier talab li din l-attivita' issa tmur taħt il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad u wara diskussjoni ġie deċiz li l-Attivita' ta' Burmarrad f'Ottubru 2010 għandha tibqa' fl-ambitu tal-Kunsill u jekk ikun hemm xi spejjeż li jaqbżu €3,500, dan jiġi diskuss mill-Kunsill.

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

1. Il-Pwales ( Żebbuġ u Camp Site Scouts Area ) għandha tiġi mitluba d-Devoluzzjoni tagħha mid-Dipartiment tal-Artijiet.

**11.00 Egħluq tal-Laqgħa**

11.01 Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa intemmet fit-08.30 ta' fil-għaxija.

Perit Graziella Galea
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

02 ta' Awissu 2010

ref. 55/7379/10/0JC